

## **2007 is-Sena Ewropea tal-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd**

L-2007 is-Sena Ewropea tal-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd ipprovat tagħmel aktar konxji lin-nies fl-Unjoni Ewropea dwar id-drittijiet tagħhom għal trattament ugwali u dwar ħajja ħielsa mid-diskriminazzjoni. Dawn huma tnejn mill-prinċipji bażiċi li jsaħħu l-UE. Is-Sena nediet ukoll diskussjoni prinċipali dwar il-benefiċċji tad-diversità kemm għas-soċjetajiet Ewropej kif ukoll għall-individwi u kienet strumentali fit-tqegħid quddiem nett ta' kwistjonijiet prinċipali, bħall-multiplikazzjoni tad-diskriminazzjoni u d-diversità fil-post tax-xogħol. Is-Sena enfasizzat ukoll il-benefiċċji ta' mekkaniżmi bħall-azzjoni pożittiva, id-doveri ta' ugwaljanza, is-sistemi ta' monitoraġġ u l-għbir ta' dejta bħala għodod effettivi li jwasslu biex l-ugwaljanza ssir realtà.

### **Sena ta' Kisbiet**

Meta tqis li ttieħdu aktar minn 430 azzjoni nazzjonali u saru aktar minn 600 avveniment li xerrdu l-messaġġi tas-Sena, u laħqu madwar 400,000 ruħ, tintebaħ li s-Sena Ewropea laħqet l-għan tagħha. Għadd konsiderevoli ta' Ewropej hu aktar konxju mid-drittijiet tiegħu ta' l-indiskriminazzjoni, u tnieda dibattitu pubbliku b'saħħtu fuq il-benefiċċji tad-diversità fl-Ewropa. Hu stmat li 328 miljun ċittadin ieħor intlaħqu minn artikli ppubblikati f'gazzetti u magazins fuq l-attivitajiet tas-Sena, u kien hemm ukoll kważi 900,000 ruħ li żaru s-sit uffiċjali tas-Sena. Kienu ppubblikati 'l fuq minn 450 rapport, pubblikazzjoni u aħbar dwar l-avvenimenti nazzjonali fuq il-paġni nazzjonali informattivi tas-sit li għamlu l-informazzjoni speċifika għall-pajjiż aċċessibbli għaċ-ċittadini Ewropej kollha. Skond stħarriġ riċenti ta' l-Ewrobarometru, sa 37% ta' l-Ewropej kienu jafu li l-2007 kienet is-Sena Ewropea ta' l-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd – riżultat impressjonanti!

Iżda mhux il-pubbliku ġenerali biss kien involut biex is-Sena Ewropea 2007 tirnexxi. Fil-livell tal-poplu, l-NGOs u l-imsieħba soċjali ltaqgħu tul is-Sena biex katru l-kooperazzjoni u l-ħidma tagħhom flimkien. Dawn kellhom funzjoni mportanti biex is-Sena ttellgħet b'dan il-mod. Huma rrappreżentaw il-fehma pubblika u taw leħen lill-vittmi tad-diskriminazzjoni. Minħabba li l-istrateġiji nazzjonali għas-Sena tfasslu b'kooperazzjoni mill-qrib mas-soċjetà ċivili, f'kull wieħed mit-30 pajjiż parteċipant kien stabbilit djalogu sod ma' l-awtoritajiet lokali u ma' dawk li jfasslu l-politika, u b'hekk inżerġet iż-żerriegħa ta' tmexxija itjeb tal-kwistjonijiet ta' l-ugwaljanza għall-futur. F'xi pajjiżi, din kienet l-ewwel darba li rappreżentanti mis-soċjetà ċivili u dawk li jfasslu l-politika ltaqgħu biex jiddiskutu kwistjonijiet bħad-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali.

Is-Sena Ewropea ta' l-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd 2007 ġġieldet b'aktar saħħa kontra l-impatt qawwi tad-diskriminazzjoni u wittiet it-triq għal soċjetà Ewropea aktar diversa u ġusta. B'riżultat tas-Sena, l-Istati Membri ta' l-UE refgħu fuqhom għadd ta' impenji ambizzjużi biex jiġġieldu d-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol u 'l barra minnu.

Links relatati: Aktar żviluppi u kummenti:

<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=mt&catId=423&newsId=527&furtherNews=yes>